MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 355/2013

Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Attard)
vs
**Stephen David Vincenti**

iben Joseph Henry, imwieled Mosta fit-13 ta’ Settembru, 1967, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 364267(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen David Vincenti, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-23 ta’ Dicembru, 2012, ghall-habta ta’ 21.30 Hrs fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar:

Saq jew ippprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBC 518 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

Saq, ipprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBC 518 fit-triq jew f’post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Lulju, 2013 fejn il-Qorti sabitu hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ elf u mitejn Euro (€1200) pagabbli fuq medda ta’ sena permezz ta’ pagamenti rateali ta’ mitt Euro (€100) fix-xahar b’effett mill-1 ta’ Awwissu, 2013 u issospendit li jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Stephen David Vincenti minnu pprezentat fid-19 ta’ Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Stephen David Vincenti tad-9 ta' Lulju 2013, u talab li l-akkuzi jigu revokati u ghandu jigi liberat, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma opportuni fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, ma ngabet ebda prova a rigward tat-tieni akkuza f’liema akkuza il-Qorti tal-Magistrati (Malta) xorta wahda sabet lill-imputat hati meta lanqas ma gie prodott certifikat tat-test tan-nifs u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda prova tal-ammont ta' alkohol li Stephen David Vincenti setgha kkonsuma, u li dan l-ammont jekk veru, kien jaqbez il-limitu preskritt kif tirrikjedi il-ligi.

Illi fit-tieni lok is-sewwieq tat-tieni vettura, u cioe Alan Chalmers lanqas biss gharaf lill- akkuzat Stephen David Vincenti, u ma ftakrux mill-habta li kellhom.

Illi bl-akbar rispett, l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati ta' dawn iz-zewg akkuzi bin-numri (1) and (2) meta bl-akbar rispett lanqas ma ngabb ebda certifikat tal-konsum tal-alkohol.

Illi li kieku dawn huma l-verita' tal-fatti, il-Pulizija ma kienux jomettu din il-prova tant importanti fil-mori tal-kawza, illi bl-akbar rispett, dan certament mhuwiex kredibbli, u l- appellant ihoss ruhu aggravat b'dawn l-akkuzi, fid-dawl tal-fatt li l-Qorti ma tatx piz ghall- punt li Alan Chalrners ma gharafx lill-imputat u l-imputat ma qalx u ma ddikjarax li dik il- gurnata huwa kien qieghed isuq il-vettura mertu tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz jirrigwarda sewqan taht l-influwenza tax-xorb.

Illi mill-provi migbura jirrizulta li l-pulizija marru fuq il-post ta' incident 'bumper to bumper' biex jaraw jekk is-sewweieqa kellem bzonn ta' xi ghajnuna.  Innotaw li l-appellant, li kien qed jimla l-formula relativa ghall-incident, kellu riha ta' xorb.  Ghalhekk, talbuh jmur l-ghassa u hemmhekk wara li gie hu l-appellant sar it-test u nstab li l-livell tal-alkohol kien qiehed iktar milli suppost.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li l-pulizija ma pprezentatx lill-ewwel Qorti r-rizultat tal-'breathalayser test'.  Fil-fatt jirrizulta li a fol. 8 u fol. 9 tal-process id-dokumenti gew ezebiti fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2013. ghalhekk, hu car li dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

It-tieni aggravju tal-appellant hu li ma hemmx il-prova li hu kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.  Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti hemm provi sufficjenti li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija. Jigi rilevat li l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti izda hu ghazel li ma joffrix ix-xhieda tieghu quddiem din il-

Qorti. Dan iqanqal il-problema li meta x-xhieda ma tkunx traskritta fl-atti ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti tkun qed tesprimi gudizzju minghajr ma jkollha l-beneficcju ta' xi jkun intqal quddiem l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------